QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 30 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru:- 335/00DM

Joseph u Marie Antoinette konjugi Mizzi

vs

Stephen Zammit

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lill-istanti s-somma ta' Lm341 danni mgarba mill-atturi in segwitu ghal incident stradali li gara l-Gzira fil-11.10.99 bejn car Ford Lanser Nru BAR 894 misjuqa mill- attur u m/cycle nru EBD 907 misjuqa mill-konvenut.

Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imperizja, negligenza, imprudenza, u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50c ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-presentata ta' l-avviz kontestwalment ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax min-notifika tal-presentata ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Zammit fejn eccepixxa illi:-

1 Huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz precitat, stante li ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura BAR 894 minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-istess sewwieq ta' BAR 894.

Rat il-verbal tat-30 ta' Novembru 2000 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara illi stante id-deposizzjoni tas-surveyor mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi relevanti dwar ir-responsabbilta' ghal kollizzjoni in kwistjoni huwa esklusivament id-deposizzjonijiet tal-attur Jospeh Mizzi u tal-konvenut Stephen Zammit, oltre l-isketch u r-ritratti esibiti mill-attur.

Waqt illi l-attur jiddikjara illi il-karreggjata tan-naha tax-xellug tar-Regional Road fejn kien qieghed isuq kienet maghluqa ghat-traffiku u illi il-konvenut ghamel uzu minn karreggjata maghluqa biex issorprendih meta dar fuq ix-xellug, il-konvenut issostni illi il-karreggjata tax-xellug ma kienetx maghluqa ghat-tul kollu taghha izda fl-ahhar parti taghha qabel ir-roundabout kienet miftuha ghat-traffiku u li hu dahal effettivament f'din il-karreggjata ghaliex hekk setgha u kien l-istess attur illi dar f'daqqa wahda ghal fuq ix-xellug tieghu b'rizultat illi saret il-habta.

Illi biex din il-Qorti tista' taghzel verzjoni wahda u mhux l-ohra, trid bil-fors tibbaza d-decizzjoni taghha fuq cirkostanzi relevanti illi jsahhu verzjoni wahda iktar mill-ohra.

Insostenn tal-verzjoni tieghu, l-attur ipprezenta sett ta' erba' (4) ritratti immarkati minn dokument JM2 sa dokument JM5. Bir-ritratt JM2 indikattiv mhux biss tal-allegata trajettoria tal-konvenut izda wkoll indikattiv ta' liema parti tat-triq effettivament kienet maghluqa ghat-traffiku.

Dan ir-ritratt iktar milli jsahhah il-verzjoni tal-attur li indika fl-isketch maghmul minnhu illi l-'cones' kienu jaslu sal-ahhar tal-karreggjata jindika illi l-gheluq tal-karreggjata tax-xellug permezz tal-'cones' ma kinetx tasal sal-punt indikat mill-attur fl-isketch imma qabel u ghalhekk ma kienx gustifikat l-istess attur illi jippretendi illi fuq il-karreggjata tax-xellug tieghu meta zbokka hdejn ir-roundabout ma kienx ser isib traffiku.

Huwa veru illi jirrizulta illi l-konvenut wara l-habta ma waqafx fuq il-post tal-incident u kellu jigi rintraccjat mill-pulizija izda dan xorta wahda ma jistax jitqies bhala indizju illi huwa ma kienx awtorizzat juza il-karreggjata tax-xellug fil-punt fejn grat il-habta.

Ghalhekk il-Qorti issib illi l-attur ma pprovdiex provi bizzejjed biex din il-Qorti tista serenament issib il-konvenut unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni u ghaldaqstant qieghdha tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg   Civ21